**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 40 – IT-TLIETA, 12 TA' NOVEMBRU 2013 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Janet Barthet | Membru |

**1 Minuti Numru 39**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Ġiet diskussa t-talba pendenti li hemm ma' TM biex Triq il-Gardell issir One Way. Din ilha pendenti minn Jannar 2012. Ġiet diskussa wkoll iz-zebra crossing li TM għamlet fi Triq tas-Sliema u ħallietha mitfjija. Din ilha pendenti minn Mejju 2012. Minkejja numru ta' laqgħat, anke mal-Ministru, dawn l-affarjiet baqgħu pendenti. Ġie deċiż li ssir stqarrija lill-istampa rigward dawn l-affarjiet.

2.2 Il-Kumitat ġie nfurmat li hemm laqgħa mal-Uffiċjali tad-Dipartiment tas-Saħħa rigward l-art fi Triq Tellerit. Din il-laqgħa għandha ssir nhar l-Erbgħa, 13 ta' Novembru fi Triq it-Tellerit.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Kien hemm diskussjoni biex jiċċaqalqu xi doggie bins li mhux qed jiġu wżati. Ġie deċiż li l-bin fi Triq tas-Sliema jitwaħħal fi Triq il-Gardell kantuniera ma' Triq Despott, u dak fil-parti ta' fuq fi Triq Wied Għollieqa jitwaħħal fl-istess triq fil-parti t'isfel.

3.2 Ġiet innutata Memo 25/2013 rigward finanzjament ta' attivitajiet. Ġie deċiż li ssir applikazzjoni biex tiġi organizzata wirja ta' għasafar peress li t-toroq tal-Kappara huma ismijiet ta' għasafar. Id-data ta' din l-attività għandha tkun 4 ta' Mejju.

3.3 Ġiet diskussa talba b'email fejn resident qed jitlob li jitneħħew l-iskips tar-reċiklaġġ minn Triq il-Kuċċard. Ġie deċiż li din it-talba ma tiġix milqugħa minħabba li dawn l-iskips jiġu wżati mir-residenti u l-kumitat irid iħeġġeġ ir-reċiklaġġ. Għandu jiġi nfurmat r-Reġjun Ċentrali fuq din.

3.4 Ġiet innutata email rigward sewqan eċċessiv fi Triq Wied Għollieqa u t-talba biex isiru sleeping policemen. Il-Kumitat huwa xettiku kemm hemm bżonn li jsiru sleeping policemen f'din it-triq.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 10 ta' Diċembru 2013 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**